MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1861/2004

**Peter Caruana (I.D. Nru: 562782(M))**

**Vs**

**Diane Tabone**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tal-kawza li bih l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf mija u tmienja u tmenin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm1,188.89c) rapprezentanti danni subiti b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fl-24 t'April, 2004 waqt li l-konvenuta kienet qieghda ssuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni COO 100 u habtet mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAP 962 proprjeta' ta' l-attur u misjuqa minn Daniel Mizzi.

Ra r-Risposta ta’ Diane Tabone li wiegbet illi ghall-incident awtomobilistiku kien jahti l-attur stess u kwindi t-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Sema’ x-xhieda ta’ Diane Tabone, Daniel Mizzi u ta’ Warden 273 Eric Sciberras.

Ra l-atti kollha tal-kawza, kif ukoll tal-kawza Talba Numru 2163/04PBC bl-ismijiet Citadel Insurance plc u Diane Tabone Vs Peter Caruana u b’digriet tat-Tribunal tas-16 ta’ Dicembru, 2004 giet ordnata l-kjamat fil-kawza ta’ Daniel Mizzi li tikkoncerna l-istess kollizjoni u li qieghda timxi flimkien mal-kawza odjerna u li qed tigi deciza kontestwalment.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Simon Micallef Stafrace ghal Diane Tabone u ta’ Dr Mark Mifsud Cutajar ghal Peter Caruana.

**Ikkunsidra**

Illi l-kollizjoni sehhet fl-inkrocju bejn Triq id-Drama u Triq l-Ghana, Hal Qormi. M’hemmx kontestazzjoni illi fil-konfront ta’ xulxin Triq id-Drama hija t-triq il-principali ossija l-*priority road* mentri Triq l-Ghana minfejn kienet gejja Diane Tabone hija s-*side road*.

Hemm kunflitt bejn il-partijiet dwar kif sehh l-incident, dwar il-pozizzjoni kif sehh l-incident u dwar il-pozizzjoni kif spiccat il-vettura ta’ Diane Tabone.

Diane Tabone xehdet illi hija kienet gejja minn Triq l-Ghana bl-intenzjoni li ddur lejn il-lemin fi Triq id-Drama u lemhet il-vettura misjuqa minn Daniel Mizzi gejja sparata, din skiddjat billi kienet ix-xita, habtet ma’ karozza faccata taghha, kien hemm effett ta’ *rebound* ghal fuq il-vettura taghha u effett ta’ *rebound* ghal darb’ ohra ghal karozza ohra faccata taghha. Hija ssostni li ma kienetx harget fuq Triq id-Drama fil-mument li sehh l-incident.

Daniel Mizzi xehed li huwa kien niezel minn Triq id-Drama u f’daqqa wahda hargitlu l-karozza misjuqa minn Diane

Tabone, huwa ghafas il-brake izda minhabba li kienet ix-xita l-vettura tieghu skiddjat. L-ewwel laqat il-vettura ta' Diane Tabone, mbaghad b'rizultat t'hekk hu gie mbuttat lejn il-lemin fuq zewg vetturi ohra pparkjati.

Il-partijiet ma qablux dwar il-konfigurazzjoni tat-triq kif impingija fuq l-isketch u ghalhekk ghal dan il-ghan it-Tribunal gab *printout* ta' l-istess inkrocju mill-*website* tal-MEPA li fil-fatt juri, kif fil-fatt xehed ukoll il-Warden Sciberras, illi ghalkemm Triq id-Drama hija fid-dritt, Triq l-Ghana hija Z-shaped jigifieri meta taqsam min-naha ghall-ohra ta' Triq id-Drama, z-zewg partijiet ta' Triq l-Ghana ma jigux fi dritt ta' xulxin izda naha tigi 'l hemm mill-ohra.

Illi t-Tribunal huwa wkoll sodisfatt illi l-vettura misjuqa minn Mizzi spiccat bejn wiehed u iehor faccata jew ftit aktar 'l isfel mill-izbokkatura ta' Triq l-Ghana, fis-sens illi l-karozza tieghu kienet kwazi skorriet il-parti li tigi bi dritt Triq l-Ghana minfejn kienet hierga l-konvenuta u dan ifisser illi ma jistax ikun illi l-vettura ta' Mizzi, l-ewwel laqtet karozza pparkjata fuq il-lemin, imbaghad intefghet fuq il-vettura ta' Tabone u mbaghad marret lura lejn il-lemin fejn habtet ma' karozza ohra.

Id-dinamika ta' l-incident bilfors kellu jkun kif spjegah l-istess Daniel Mizzi illi fil-fatt huwa lemah lil Tabone, ghafas il-brake u kiser l-isteering biex jipprova jevitaha izda din laqtitu minn wara. B'rizultat t'hekk huwa ntefa' fuq iz-zewg vetturi l-ohra. Din id-dinamika ta' l-incident tispjega sitwazzjoni klassika ta' sewwieq li jigi rinfaccat b'emergenza subitanea u jirreagixxi ghaliha u ghalhekk il-vertenza li ghandu jiddetermina dan it-Tribunal hija jekk kienx Mizzi li pprezenta ruhu ghal din is-sitwazzjoni minhabba s-sewqan tieghu stess jew kienx il-fatt li Tabone harget minn fuq is-*side road* ghal fuq il-karreggjata tieghu.

Tabone tallega li Mizzi kien gej bi speed qawwi u fil-fatt anki lill-Warden qaltlu dan id-diskors kif jidher mir-rapport, izda t-Tribunal isibha qajla kredibbli illi vettura li tkun gejja bi speed qawwi, li tiskiddja fuq triq imxarrba tieqaf mhux 'il boghod mill-*point of impact* mal-vettura ta' Tabone.

Inoltre, Mizzi jikkontesta din l-asserzjoni u fil-fatt provi oggettivi dwar l-allegata velocita' qawwija ta' Mizzi ma jirrizultawx sodisfacentement u ghalhekk din l-asserzjoni qieghda tigi michuda.

Mizzi jallega illi Tabone harget minn Triq l-Ghana ghal fuq Triq id-Drama. Hija ssostni illi dakinhar ta' l-incident ma kienx hemm sinjali mpingija fuq it-triq, jigifieri ma kienx hemm *stop signs*. Ftit taz-zmien wara l-incident ittiehdu ritratti tal-lokal li jinsabu gol-envelope a fol 19 tal-process u fil-fatt f'dawn ir-ritratti jidhru l-kliem *stop* u *line* mpingija. Tabone ssostni illi dawn is-sinjali gew impingija bejn l-24 t'April, 2004 meta sehh l-incident u t-12 ta' Lulju, 2004 meta ttiehdu dawn ir-ritratti.

It-Tribunal jidhirlu illi dan huwa possibbli partikolarment minhabba l-fatt illi meta xehed il-Warden Sciberras huwa qal li ma setax jghid kienx hemm sinjali fit-triq dakinhar u ghalhekk wiehed jistaqsi – jekk il-Warden stess ma ndunax b'dawn is-sinjali kemm aktar u aktar setghu jindunaw bihom is-sewwieqa? Il-Warden xoghlu kien li jirrapporta dak li jkun hemm fil-lokalita' u jirrileva dawk il-fatturi li huma rilevanti ghall-kollizjoni b'mod partikolari, jekk hemmx *stop signs*, tabelli jew sinjali fit-triq, dawn jigu ndikati fir-rapport tieghu. Huwa m'ghamilx hekk u ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li fil-fatt fil-mument ta' l-incident ma kienx hemm tali sinjali.

Dan pero' ma jbiddel xejn mir-responsabbilta' ta' l-incident billi m'huwiex ikkontestat illi Triq l-Ghana hija *side road* fil-konfront ta' Triq id-Drama, aktar u aktar billi Triq l-Ghana m'hijiex triq dritta imma trid tikser biex tkompli ssuq go fiha u Tabone riedet tikser lejn il-lemin, jigifieri biex taqbad il-karreggjata taghha trid taqsam il-karreggjata tat-traffiku li jkun gej mil-lemin taghha.

Illi ghalhekk Tabone kienet obbligata illi meta tasal fl-inkrocju ma' Triq id-Drama, hija tieqaf, tesplora sew it-triq qabel ma tohrog u taccerta ruhha li meta tohrog tkun tista' taghmel hekk minghajr ebda xkiel u galadarba hija tiddeciedi li tohrog, li taghmel dan bl-akbar speditezza u b'anqas inkonvenjent.

Huwa evidenti li meta hi waslet fl-inkrocju ma' Triq id-Drama, hija sspontat 'il barra u b'hekk ikkreat l-emergenza subitanea msemmija ghal Daniel Mizzi. Ghalkemm Tabone ma taqbilx mal-pozizzjoni kif giet indikata fuq l-isketch, it-Tribunal ezamina sew il-kejl indikat fl-isketch u jidher car illi l-karozza taghha spiccat bejn wiehed u iehor *parallel* ma' l-angolatura ta' l-i*splay* u dan ifisser li kienet harget sew fi Triq id-Drama. Dan ifisser li hija ma waqfitx qabel ma harget ghal fuq Triq id-Drama u m'esploratx sew it-triq tant illi hija l-ewwel darba li rat lil Mizzi kien ftit qabel l-incident. Il-Warden anki jafferma illi hija kienet qatghet ftit ghad-dritt fis-sens li kienet fuq in-naha tal-lemin tal-karreggjata taghha u ghalkemm forsi mhux daqskemm indikat fuq l-isketch xorta wahda, b'rizultat t'hekk hija tkun naqset kemm il-vizwali taghha kif ukoll il-vizwali tal-karozzi gejjin minn Triq id-Drama.

Illi ghalhekk it-Tribunal m'ghandux ezitazzjoni milli jikkonkludi illi r-responsabbilta' unika ghall-incident hija ta' Diane Tabone.

Illi dwar il-quantum dan gie debitament ippruvat u ghalhekk it-talba kif dedotta tisthoqq li tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet unikament htija tal-konvenuta u konsegwentement jikkundanna lil-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' elf mija u tmienja u tmenin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm1,188.89c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------